TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 455/11/GZ

**Samantha Cardona u Helen Cardona**

**vs**

**Ciancio Co.Ltd.**

Illum 30 ta' Mejju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn u disgha Ewro (€209.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal-kamera tar-ritratti, liema kamera kellha l-hsara pero' li s-socjeta' ntimata kkonkludiet li b'tali hsara ma kienitx koperta bil-garanzija.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Hija (Samantha Cardona) kienet hadet il-kamera tar-ritratti ghat-tiswija, wara li din zviluppat xi hsara. Hija pprezentat il-garanzija peress li kienet ghadha ma skadietx. Meta r-rikorrenti marret biex tigborha, is-socjeta' ntimata qaltilha li l-hsara li kien fiha l-kamera kienet tali li kellha tintbaghat barra minn Malta u li dan kien se jkun a spejjes tar-rikorrenti, ghaliex il-garanzija ma kienitx ghadha tghodd minhabba l-fatt li l-kamera kien fiha xi daqqiet u ghaliex kienet sabet xi 'sand particles' fiha, u b'hekk il-funzjoni tal-'waterproof' tispicca. Ir-rikorrenti ssostni illi dan m'huwiex veru u li din il-kamera hija 'waterproof' sa tliet (3) metri taht l-ilma, u li ghalhekk la hija 'waterproof' din hija kamera li tista' tehodha hdejn il-bahar. Ir-rikorrenti thoss li l-

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

kwistjoni tar-ramel hija skuza ghaliex kieku s-socjeta' ntimata kienet twissija li ma setghatx tehodha hdejn ir-ramel ghaliex mhux tajjeb, u hija ghalhekk ma kienitx tixtriha, ghaliex hija xtratha sabiex tkun tista' tehodha l-bahar.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuta ta' meta xtrat il-kamera in kwistjoni minghand is-socjeta' ntimata, datata 20 ta' Ottubru 2009 ghall-ammont ta' mitejn u disgha Ewro (€209.00), ritratt tal-kaxxa tal-kamera li tindika li hija 'waterproof', u l-ittra li hija rceviet minghand is-socjeta' ntimata datata 1 ta' Awissu 2011 li tindika r-ragunijiet ghalfejn il-kamera ma ghadhiex koperta bil-garanzija.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-ewwel lok din it-talba qed tigi kkontestata, u dana ghaliex hija preskritta u ghalhekk nulla fil-fatt u fid-dritt.

Illi wkoll, il-kamera giet ezaminata minn Mario Ciancio qabel tintbaghat ghat-tiswija barra fil-UK, kif tirrikjedi l-procedura tal-kumpanija. Meta ezamina l-kamera, kif intqal fl-ittra datata 1 ta' Awissu 2011, u li annetta mal-kamera, innotalha xi daqqiet li juru li din il-kamera setghat giet imwaqqa' jew mhabbta diversi drabi, kif ukoll kien hemm ramel li kien prezenti fuq il-'waterproof seal'. Illi ghalkemm il-kamera hija 'waterproof' sa tliet (3) metri taht l-ilma, il-klijenta, skond l-istruzzjonijiet li hemm mal-kamera, ghandha kull darba tnaddaf is-'seal' qabel ma terggha ddahhal il-kamera fl-ilma, u dan ghaliex jekk ikun hemm xi 'particles' ta' ramel jew affarijiet ohra mal-'waterproof seal', dan ma jibqax relevanti ghaliex il-pressa ta' l-ilma taffettwa dan is-sigill.

F'dan il-kaz jidher car li l-kamera, minhabba d-daqqiet prezenti fuqha, il-'waterproof seal (resistance)' ma baqax jahdem, u jidher bic-car li dan gara minhabba n-negligenza minn naha tal-klijenta, li ma naddfitx il-kamera, u minhabba d-daqqiet, u f'dan il-kaz il-garanzija ma tibqax tapplika.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi hija kienet qrat l-istruzzjonijiet li kienu jindikaw li ma kellha qatt tiftah il-parti ta' fejn hemm il-batterija meta tkun qieghda hdejn l-ilma. Stqarret ukoll illi hija qatt ma naddfet il-parti ta' fejn hemm il-batterija bil-mod kif hemm indikat fl-istruzzjonijiet, pero' hija kienet tnaddaf biss il-parti ta' barra tal-kamera, u cioe' il-parti ta' barra ta' fejn hemm il-batterija

Ir-rikorenti ezebiet il-kamera in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ittra li tindika l-ispezzjoni li saret fuq il-kamera li giet immarkata bhala Dok.CCL1, kopja ta' l-istruzzjonijiet ('manual') li giet immarkata bhala Dok.CCL2 u kopja tal-garanzija li giet immarkata bhala Dok.CCL3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien ma' l-osservazzjoni ta' dan it-Tribunal stess ta' xi daqqiet prezenti fuq il-kamera in kwistjoni, jaghmel referenza ghal Dok.CCL2 fejn hemm indikat: *"Should you subject the camera to substantial vibration, shock or pressure, it may be less resistant to water"* filwaqt li jaghmel referenza wkoll ghal Dok.CCL3 fejn hemm stipulat: *"Il-GARANZIJA MA TKOPRIX DANNI ACCIDENTALI JEW IKKAWZATI MINN NEGLIGENZA, KEDD B'UZU, DANNI B'RIZULTAT TA' ILMA, JEW XI DANNU IEHOR IKKAWZAT MINN IMMANIGGJAR HAZIN..."*, u b'dana flimkien ma' l-ammissjoni tar-rikorrenti stess fix-xhieda guramentata taghha illi ma kienitx hadet hsieb it-tindif tal-kamera in kwistjoni hekk skond l-istruzzjonijiet stipulati fil-'manual', qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**